## Minuti tat-Tlieta u Għoxrin (23) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur Nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru, 2013 fit-3:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli kienet skużata.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba speċjali għall-irwieħ tat-tlett żagħżagħ Nadurin li ħallewna f'dawn l-aħħar jiem.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru tnejn u għoxrin (22) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Ħaddiema.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni li wieħed mill-ħaddiema li kien ittieħed temporarjament mill-Kunsill reġa intbaghat lura.

4. **Pjazza San Pietru u San Pawl.** Ġie iċċarat li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ħa deċiżjoni li anke jekk ma jiġux approvati l-fondi taħt il-Measure 313 għall-"Phase 1" tal-proġett tal-Pjazza, l-Kunsill xorta ser joħroġ sejħa għal dawn ix-xogħolijiet u jibda jitwettaq dan il-proġett. Josianne Cutajar qalet dan dejjem jekk ikun fil-baġit.

5. **Ġnien ta' Kenuna.** Il-Kunsill ġie nformat li twaħħlu CCTVs fil-Ġnien ta' Kenuna. Dawn sarru mill-kumpanija GO plc.

6. **Laqgħa tas-Sindki.** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri attenda l-laqgħa tas-Sindki peress li s-Sindku kien imsiefer. F'din il-laqgħa ġew diskussi is-Swieq fil-berah. Eucharist Camilleri nforma lill-Kunsill li l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali huma kontra dawn is-swieq minħabba l-problemi li jġibu magħhom.

7. **Suq fil-Miftuħ.** Is-Sindku ppreżenta ittra li waslet il-kunsill minn wieħed mill-ħawkers. Hu ilmenta dwar xi tibdil li sar dan l-aħħar fil-postijiet allokati. Dan meta hu għandu post ċentrali ħdejn il-kanun ta' quddiem il-Knisja. Hu talab biex ikollu post għal-van tiegħu. Il-Kunsill f'dan il-mument mhux ser jagħmel tibdiliet iżda jekk din il-persuna lesta li tmur in-naħa ta' wara fejn hemmhekk hemm

wisa' għall-van, dan jista' jsir peress li dawn l-hawkers jixtiequ jersqu aktar l' quddiem.

8. **Website tal-Kunsill.** L-updating tal-informazzjoni fuq il-website qed isir mis Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana Therese Finger. Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-minuti mhux qegħdin f'ordni sew. Is-Segretarja informatha li dawn ġew ikkopjati mill-website il-qadima għal fuq il-ġdida. Il-minuti riċenti qed isiru b'mod aktar organizzat. Il-website il-ġdida giet attrajenti hafna w *user friendly*.

9. **Korrispondenza.**

(4666) Email mit-Transport Malta dwar talbiet mill-Kunsill
(4667) Ittra mill-Għaqda Dilettanti tal-Karnival dwar danza tal-Karnival 2014
(4668) Ittra mit-Transport Malta dwar Skeda tax-Xitwa
(4669) Ittra mill-Gozo Business Chamber dwar "General Assembly"
(4670) Ittra mill-Kumitat Festi Esterni dwar laqgħa
(4671) Korrispondenza ma l-Iskola Primarja dwar aċċess għall-librerija
(4672) Ittra mill-Gozo Action Group dwar l-applikazzjoni Measure 125
(4673) Email mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali dwar laqgħa għall-kunsilliera nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru
(4674) Ittra mis-Superjur tal-MUSEUM Subien Nadur dwar produzzjonijiet tal-Milied
(4675) Memo 24/2013 – Bank Deposit Slips
(4676) Formola ta' applikazzjoni "Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care"
(4677) Memo 23/2013 – LEAP – Building the future together promoting social mobility
(4678) Ittra mill-Arcipriet Jimmy Xerri dwar diversi suġġetti
(4679) Memo 22/2013 Elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
(4680) Ittra mill-Avukat Carmelo Galea dwar is-Shooting Range
(4681) Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar servizz tas-saħħa fil-kommunita
(4682) Ittra ta' ringrazzjament mis-Superjura tal-MUSEUM tal-Bniet Nadur
(4683) Acknowledgment mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' dwar l-applikazzjoni ta' l-Anzjan tas-Sena 2013
(4684) Ittra mill-Gozo Youth Wind Band & Orchestra dwar kunċert fin-Nadur
(4685) Kopja ta' Email mill- OPM dwar "Release of Public Officers to Work with Voluntary Organisations"

10. **Triq ir-Rabat.** Il-Kunsill kien talab biex issir "pedestrian crossing" fi Triq ir-Rabat, in- Nadur u ma sar xejn. Il-Kunsill għandu jerġa jagħmel talba dwar dan.

11. **Bozza Ġdida fi Triq it-Tiġrija.** Il-Kunsill għamel talba mal-Gvern Centrali sabiex issir bozza ġdida (street lighting) fi Triq it-Tiġrija mad-dar 104A. Din hija triq arterja. Josianne Cutajar qalet li hi ġiet informata li l-applikazzjoni trid issir mill-Kunsill. Il-Kunsill ser jagħmel din l-applikazzjoni iżda l-bozza għandha ssir mill-Ministeru għal Għawdex.

12. **Pjazza San Pietru u San Pawl.** Fil-pjazza eżatt wara l-kaxxa tat-telephone twaħħal apparat fejn jiġu iċċarġjati l-karrozzi tal-batteries. Il-Kunsill ma ġiex informat dwar fejn dan l-apparat ser jiġi installat ħlief li kien ser issir fil-pjazza. L-ittra dwar dan waslet il-Kunsill ferm wara li sar installazzjoni tal-apparat. Fejn gie imwaħħal l-apparat issa sar dejjaq hafna peress li diga kien hemm il-kaxxa tat-telephone fuq il-bankina. Il-Kunsill għandu jirrispondi din l-ittra u juri d-

dispjaċir tiegħu li ma ġiex ikkonsultat qabel. Il-Kunsill innota wkoll li twaħħlu xi ġebel (bħala indicators) fl-art f' diversi postijiet fosthom fil-pjazza. Dawn huma perikoluzi għaliex faċli li wieħed ma jarahomx u jaqa magħhom. Il-Kunsill ma ġiex informat dwar dawn.

13. **Day Centre.** Il-Kunsill ġie informat mis-Sur Romeo Pace li minħabba raġunijiet tas-saħħa mhux ser jkompli jieħu ħsieb id-dar tal-parroċċa fi Triq it-Tiġrija kif ukoll id-Day Centre għall-anzjani fl-istess il-post. Joe Said ta' Triq Dun Gorg Preca ser jibda jieħu ħsieb id-day centre f'dan il-post minfloku.Il-Kunsill ser johrog 50 euro fix-xahar għall-ispejjes tal-fuel tal-van li qed jużaw l-anzjani biex jivjaġġaw minn post għall-iehor.

14. **Għoti ta' demm.** Il-Kunsill wera id-dispjaċir tiegħu li fl-Isptar General ta' Għawdex ser jitwaqqaf is-servizz tal-ghoti tad-demm kuljum. Dan is-servizz issa ġie ridott ghall darbtejn fix-xahar biss, minflok kuljum .

15. **Tibdil fl-Iskeda tar-rotta tax-xarabank.** Il-Kunsill ġie nformat mit-Transport Malta li s-servizz ta' l-Arriva mir-Ramla u għar-Ramla ser jonqos mill-bidu ta' Novembru. Il-Kunsill għandu jagħmel din l-informazzjoni fuq il-website kif ukoll fil-paġna tal-Kunsill fuq il-Facebook.

16. **Skola Primarja Nadur.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm xi problemi mal-amministrazzjoni tal-iskola fuq l-użu tas-sala għall-lezzjonijiet tal-keep fit u l-Librerija. Għandha ssir laqgħa mal-prinċipal u kap ta' l-Iskola dwar dawn.

17. **MUSEUM Subien Nadur.** Il-Kunsill irċieva talba minħand is-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien biex bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jikkollabora magħhom biex issiru l-attivitatjiet tal-Milied tant mistennija mir-residenti tan-Nadur. Dawn huma play li ser tittella nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru fit-Teatru MBC bl-isem "Milied f'Miżien" u l-programm tal-Milied fil-knisja parrokkjali nhar il-Milied filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin f'din l-attivita tradizzjonali u alloka s-somma ta' €500 għal dan il-għan.

18. **Premju Nazzareno Vassallo.** Il-Kunsill ġie mistieden biex jagħmel nominazzjoni għall-premju Nazzareno Vassallo. Dan il-premju jingħata lill-individwi jew organizzazzjonijiet li jagħmlu inizjattivi għal ġid ta' l-anzjani. Il-Kunsill innomina lill Arċipriet Jimmy Xerri f'isem il-Parroċċa tan-Nadur għall-inizjattiva tal-ftuh tad-Dar fi Triq it-Tiġrija biex isservi bħala ċentru għall-anzjani.

19. **Enemalta.** Il-Kunsill għandu jibgħat "reminder" lill-Enemalta dwar il-wires li twaħħlu mal-ħajt taċ-ċimiterju peress li dawn jistgħu jikawżaw aktar ħsarat lil-ħajt. Dawn il-wires twaħħlu wara li l-Kunsill resaq ilment dwar l-istat ħażin tal-arblu tal-injam li kien hemm (fejn kien hemm il-wires marbutin miegħu). Il-Kunsill jirrakomanda li jsir arblu ieħor minflokk li jitwaħħlu l-wires mal-ħajt taċ-ċimiterju.

**Ċharles Said, Sindku** | **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

20. **Shooting Range.** Il-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar is-shooting range fl-inħawi ta' Xordin. Minħabba dawn l-ilmenti l-Kunsill bagħat ittra lis-sidien tax-shooting range fejn talab li dawn jimxu skond il-permessi li għandhom tal-pulizija u l- Mepa. Il-Kunsill wara li bagħat din l-ittra irċieva ittra mingħand l-Avukat Carmelo Galea f'isem is-sidien fejn qal li huma qegħdin jimxu mal kundizzjonijiet tal-permessi.

21. **Karnival 2014.** Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand l-Għaqda Dilettanti tal-Karnival fejn informaw lill-Kunsill li huma s-soltu jieħdu somma ta' flus mill-kumitat tal-Kultura għal Għawdex biex jagħmlu d-danza tagħhom. Dan barra l-fondi li jieħdu minn kull kunsill. Din l- e-mail intbgħatet wara li delegazzjoni minn din l-għaqda kellha laqgħa mas-Sindku fuq is-sehem tagħhom fil-Karnival 2014. Saret diskussjoni dwar għandux il-Kunsill jerġa jitkellem ma din l-Għaqda biex jikkomissjona danza għan-Nadur. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitkellem magħhom. Eucharist Camilleri qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb l-attivitajiet kulturali tiegħu speċjalment il-Karnival u l-Wine Festival u jekk hemm bżonn jitnaqqsu fondi mill-attivitajiet oħra li ma jsirux direttament mill-Kunsill.

22. **Kontijiet.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-kont ippreżentat mill-Pjazzetta Hardware Store. Hi qalet li x-xogħol għandu jitqassam mal-ħwienet kollha . Dan sabiex inkunu konfermi mal-liġi u ma jsirx pagament li jaqbżu dawk stipluati taħt il-bżonn ta' kwotazzjonijiet. Is-Segretarja informata li l-Kunsill jipprova jixtri mit-tlett "hardware shops' li hawn fin-Nadur iżda mhux il-ħwienet kollha għandhom il-materjal li jkollu bżonn il-Kunsill. Barra min hekk il-Kunsill bħalissa qed jixtri kwantita kbira ta' żebgħa biex jiżboħ ir-railings fi Triq it-Torri ta' Kenuna (xoghol li s-soltu kien issir mill-ħaddiema tal-Ministeru għall-Għawdex) u dan irrid jinxtara mill-istess ħanut sabiex iż-żebgħa ikun jaqbel.

Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni wkoll tal-kont ta' Joseph Rapa dwar il-manutenzjoni tal-bankini kif ukoll tal-JCR. Is-Sindku qal li l-Kunsill preżenti baqa jagħmel użu mis-servizzi li kienu jiġu pprovduti lill Kunsilli preċedenti.

23. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għar-railings wara li ġie mitlub mill-MCCAA (Malta Competition and Consumer Affairs Authority) biex jagħmel railings fil-Gnien il-Kunsill (wara l-istatwa tal-Madonna), Playing field tal-Hali u Playing field ta' San Blas. Inġabru ħames stimi għal dan il-għan. Il-Kunsill għażel l-orħos kwotazzjoni għal kull railing/gate li kellhom l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Dawn kienu ta' Publius Attard.

Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għat-tiżjin tat-toroq għall-Milied. Kien hemm kwotazzjoni waħda biss ta' D'Illumination bil-prezz ta' €2417.80 Din ġiet aċċettata mill-Kunsill.

Il-Kunsill talab stima għal On-Line Streaming. Kien hemm kwotazzjoni waħda biss bil-prezz ta' 3,300 għall-hardware u monthly costs ta' madwar €550. Il-Kunsill ser jingħata għajnuna €2,300 ta' darba mill-Gvern Centrali iżda dan ser

jintela l' fuq minn 6,600 fis-sena. Il-Kunsill iddeċieda li dan mhux fil-budget u għalhekk m'għandux jagħmel streaming tal-laqgħat. Josianne Cutajar issuġġeriet li l-Kunsill jerġa joħroġ sejħa oħra, iżda l-Kunsilliera ma qablux ma dan.

24. **Materji oħra.** Josianne Cutajar qalet li hemm bżonn li jsir manutenzjoni fuq il-gradi tal-gandott tal-ilma tax-xita fit-Triq il-Buskett. Hi qalet li r-residenta Cetta Vella talbet li dawn jinqalgħu. Dan mhux possibbli għaliex jekk jinqalgħu kwantita kbira ta' ilma jinżel fuq ir-resident li hemm aktar l-isfel fit-triq. Josianne Cutajar qalet li l-bozza ta' San Blas kantuniera ma Triq it-Torri Sopu għada ma ġietx irranġata u ġibdet l-attenzjoni wkoll dwar xi *wires* li hemm fi Gnien San Blas. Id-dwal tal-ġnien tneħħa snin ilu u għalhekk dawn il-wajers mhumiex ta' periklu għaliex huma mejtin. Id-dwal tal-partita qegħdin jinkisru mill-boċċi stess, il-kuntrattur għandu jintalab biex jagħmel "cover" tal-ħadid fuq il-ħġieġa. Is-Sindku ħeġġeġ lill Kunsilliera sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet, mifruxa fuq ħmistax il-ġurnata, li ha jorganizza il-Kunsill fl-okkażżjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tiegħu.

Il-laqgħa ntemmet fit-18:00. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Ċharles Said, Sindku**



**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda N23

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 30/09/13 sa 24/10/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Road Construction Co. Ltd | €150.00 | €150.00 | | Cold mix bags | 14/10/13 | 11973 | 12264 |
| 2 | Xerri's Garden Centre | €404.00 | €404.00 | | Supply of plants | 19/10/13 | 12265 | 12265 |
| 3 | Pjazzetta Hardware Store | €930.00 | €930.00 | | Hardware supplies | 17/10/13 | 19107 | 12266 |
| 4 | Go plc. | €107.55 | €107.55 | | Telephone bill | 14/10/13 | 34914761/57 | 12267 |
| 5 | Tropical Forest | €516.74 | €516.74 | | Supply of plants | 17/10/13 | 1149 | 12268 |
| 6 | Franklin Cardona | €85.00 | €85.00 | | Distribution of Flyers | 20/10/13 | | 12269 |
| 7 | Bargate Bookshop | €48.00 | €48.00 | | Photocopies for measure 313 | 30/09/13 | 7151764 | 12270 |
| 8 | Saviour Meilak | €182.25 | €182.25 | | Cleaning of public maintenance north street | 22/09/13 | 8664092 | 12271 |
| 9 | Manuel Mercieca | €64.00 | €64.00 | | Folding chairs | 22/09/13 | 778 | 12272 |
| 10 | Dominic Department Stores Ltd. | €56.66 | €56.66 | | Paint | 30/09/13 | 140631 | 12273 |
| 11 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | September | 27/09/13 | | 12274 |
| 12 | Spiro Sillato | €60.00 | €60.00 | | Musical Service | 25/09/13 | | 12275 |
| 13 | Sammy Attard | €1,645.00 | €1,645.00 | | Water supply | 10/11/13 | 44 | 12276 |
| 14 | John Ivan Xuereb | €1,020.00 | €1,020.00 | | September sweeping | 02/10/13 | | 12277 |
| 15 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | San Blas & Hali Playing Field | 01/10/13 | 28 | 12278 |
| 16 | Joseph Mercieca | €48.00 | €48.00 | | Security work | 30/09/13 | 1346340 | 12279 |
| 17 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta' Kenuna Garden | 01/10/13 | 29 | 12280 |
| 18 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping St Blas Street | 03/10/13 | 14 | 12281 |
| 19 | Peter Paul Said | €1,640.24 | €1,640.24 | | Dumping, cherry picker, bob cat etc. | 30/09/13 | 3286/3285 | 12282 |
| 20 | Joanna Caruana | €350.00 | €350.00 | | Accountancy Services | 09/10/13 | 364 | 12283 |
| | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,937.94** | **€7,937.94** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Kunsill Lokali: Nadur

**Skeda N23**

### Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 30/09/13 sa 24/10/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Lepeirks Travel Ltd. | €70.00 | €70.00 | | Transfer with return | 06/10/13 | 239 | 12284 |
| 22 | Galea Curmi Eng. Con. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract manager fee September 2013 | 30/09/13 | 2184 | 12285 |
| 23 | ERRC | €60.00 | €60.00 | | Zipline Activity in August Youth Exchange | 10/08/13 | 1208 | 12286 |
| 24 | Lighthouse Supermarket | €429.57 | €429.57 | | Food supplies for youth exchange | 09/10/13 | 335 | 12287 |
| 25 | Charlie Camilleri | €60.00 | €60.00 | | Art Attack Course | 30/09/13 | | 12288 |
| 26 | ARMS Ltd. | €44.78 | €44.78 | | Electricity bill | 21/09/13 | 17452223 | 12289 |
| 27 | Marthese Caruana | €142.50 | €142.50 | | August/ September | 30/09/136 | | 12290 |
| 28 | Joseph Rapa | €2,475.45 | €2,475.45 | | Sand and cement | 08/10/13 | 3340043/3340041 | 12291 |
| 29 | Petrer Paul Muscat | €679.28 | €679.28 | | Tiling works | 24/09/13 | | 12292 |
| 30 | Anthony Mercieca | €346.58 | €346.58 | | Bulky refuse | 30/09/13 | 855 | 12293 |
| 31 | Media link Com.Co.Ltd. | €186.69 | €186.69 | | Kunsill Nadur Open market | 30/09/13 | 52295 | 12294 |
| 32 | P & J Debono cons. Ltd. | €41.42 | €41.42 | | Cement | 30/09/13 | 16504 | 12295 |
| 33 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel | 30/09/13 | | 12296 |
| 34 | KIP Ghawdex Ltd. | €3,790.50 | €3,790.50 | | Refuse Collection | 30/09/13 | 16317 | 12297 |
| 35 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 12298 |
| 36 | Mary Attard | €68.31 | €68.31 | | Library September | 30/09/13 | | 12299 |
| 37 | JCR Ltd. | €894.00 | €894.00 | | Supplies for pavements and ramps | 07/08/13 | | 12300 |
| 38 | Waste Serve Malta Ltd. | €2,363.78 | €2,363.78 | | Waste August | 16/09/13 | 40772 | 12301 |
| 39 | Per. Sec. Ministry for Tourism | €35.00 | €35.00 | | Advert | 30/09/13 | | 12302 |
| 40 | Leo's Garage Paramount | €94.40 | €94.40 | | Transportation Malta | 26/09/13 | 25690 | 12303 |
| | | €11,983.88 | €11,983.88 | | | | | |
| | balance b/f | €7,937.94 | €7,937.94 | | | | | |
| | balance c/f | €19,921.82 | €19,921.82 | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 30/09/13 sa 24/10/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Smart Office Supplies Ltd. | €283.08 | €283.08 | | Toner Lasers | 10/08/13 | 13045899 / 13046648 | 12304 |
| 42 | Agius Industrial Supplies Ltd. | €8.50 | €8.50 | | Hardware supplies and labour | 15/10/13 | 22577 | 12305 |
| 43 | Joseph Mercieca | €1,100.32 | €1,100.32 | | Hire and dumping of Skips | 06/10/13 | 97 | 12306 |
| 44 | Waste Serve Malta Ltd. | €2,363.78 | €2,363.78 | | Waste September | 15/10/13 | 42008 | 12307 |
| 45 | Robert Grech | €1,252.64 | €1,252.64 | | Nadur Pjazza PA 1458/09 | 18/10/13 | 23666803/2369520 4 | 12308 |
| 46 | CRM Arch.& Civil Engineer | €544.04 | €544.04 | | Architect services | 23/09/13 | C232-13 | 12309 |
| 47 | Econetique Ltd. | €1,158.92 | €1,158.92 | | Supply of PV Street Lightning | 15/10/13 | PV-LG004-13 | 12310 |
| 48 | Anne Lofregren | €95.00 | €95.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12311 |
| 49 | Marthese Tonna | €90.00 | €90.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12312 |
| 50 | George Camilleri | €105.00 | €105.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12313 |
| 51 | Joe Mangion | €105.00 | €105.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12314 |
| 52 | Adrian Coleiro | €100.00 | €100.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12315 |
| 53 | Alan Frendo | €90.00 | €90.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12316 |
| 54 | Joseph Camilleri | €81.00 | €81.00 | | Musical services | 24/06/13 | | 12317 |
| 55 | Tropical Forest | €30.00 | €30.00 | | Hardware Supplies | 24/06/13 | | 12318 |
| 56 | VOID | VOID | VOID | | VOID | | VOID | 12319 |
| 57 | Smart Office Supplies Ltd. | €208.27 | €208.27 | | Toner Lasers | 21/10/13 | 13047122 / 13046847 | 12320 |
| 58 | M"Rose Grima | €120.00 | €120.00 | | Day Centre September | 28/10/13 | | 12321 |
| 59 | M"Concetta Mifsud | €120.00 | €120.00 | | Day Centre September | 28/10/13 | | 12322 |
| 60 | Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day Centre September | 28/10/13 | | 140 |
| | | **€7,995.55** | **€7,995.55** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,921.82** | **€19,921.82** | | | | | |
| | **Total** | **€27,917.37** | **€27,917.37** | | | | | |

Sindku ______________  Segretarju Eżekuttiv ______________

Kunsillier ______________  Kunsillier ______________

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda N23**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 30/09/13 sa 24/10/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Maltapost | €62.68 | €62.68 | | Postage | 29/10/13 | | 12324 |
| 62 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Street Sweeping - September | 28/10/13 | | 12325 |
| 63 | Portelli Print | €532.68 | €532.68 | | Printing | 17/10/13 | | 12326 |
| 64 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 12327 |
| 65 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 12328 |
| 66 | Robert Grech | €1,879.70 | €1,879.70 | | Road Resurfacing Works in Connection with PPP | 29/10/13 | 236-82 | 12329 |
| 67 | Charles Said | €379.63 | €379.63 | | Allowance october | 31/10/13 | | 12330 |
| 68 | Rita Mifsud Attard | €1,537.55 | €1,537.55 | | October Salary | 31/10/13 | | 12331 |
| 69 | Therese Finger | €928.09 | €928.09 | | October Salary | 31/10/13 | | 12332 |
| 70 | Saviour Xiberras | €1,032.02 | €1,032.02 | | October Salary | 31/10/13 | | 12333 |
| 71 | Commissioner of Inland Revenue | €1,374.74 | €1,374.74 | | October | 31/10/13 | | 12334 |
| 72 | Claire Hili | €171.12 | €171.12 | | October Salary | 31/10/13 | | 12335 |
| 73 | Nadur Local Council | €1,800.00 | €1,800.00 | | Transfer to APS Bank | 11/01/13 | | 12336 |
| 74 | MEPA | €60.00 | €60.00 | | Request for Final compliance certificate | 01//11/13 | | 12337 |
| 75 | Nadur Local Council | €110.51 | €110.51 | | Petty Cash | 11/05/13 | | 12338 |
| 76 | Commissioner of Inland Revenue | €1,347.74 | €1,347.74 | | October | 11/07/13 | | 12339 |
| 77 | Therese Finger | €1,146.53 | €1,146.53 | | November Salary | 11/11/13 | | 12340 |
| 78 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | | advert re closure of square for car show | 23/10/13 | | 12319 |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,562.31** | **€12,562.31** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€27,917.37** | **€27,917.37** | | | | | |
| | **Total** | **€40,479.68** | **€40,479.68** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier